Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10469/1/26
REV 1
PV CONS 37
TRANS 417
TELECOM 313
ENER 394
*PARLNAT*

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)

8 u 9 ta' Ġunju 2026

**LAQGĦA TAT-TNEJN, 8 TA' ĠUNJU 2026**

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9799/26.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

a) **Lista mhux leġiżlattiva** 9904/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 9906/26 + COR 1

**Affarijiet Barranin**

1. **Rieżami tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-investiment barrani** ❶C 9644/26 + ADD 1 PE-CONS 10/26 POLCOM
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
Approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-03.06.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 114 u 207(2) TFUE).

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni tinsab fl-Anness.

2. **Regolament li jindirizza l-effetti tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni** ❶C 9645/1/26 REV 1 + ADD 1 + ADD 2 REV 2 PE-CONS 23/26 + COR 1 POLCOM
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
Approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-03.06.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE), bl-Estonja tivvota kontra u l-Portugall jastjeni.

Id-dikjarazzjonijiet konġunti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, mill-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, u mill-Iżvezja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Finlandja, l-Estonja u d-Danimarka jinsabu fl-Anness.

**Ġustizzja u Affarijiet Interni**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | **Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet tal-vittmi**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>Approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-03.06.2026 | ❶C | 9646/26 + ADD 1-2<br>PE-CONS 11/26<br>JAI |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 82(2)(c) TFUE), b'Malta u s-Slovakkja jastjenu.

F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma ħaditx sehem fil-vot.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija, mill-Italja, minn Malta, mis-Slovakkja u mill-Portugall jinsabu fl-Anness.

TRASPORT

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

Fuq l-art

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | **Regolament dwar vetturi korporattivi nodfa**<br>*Rapport ta' progress* | ❶C | 8947/26 |

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

| | | |
|---|---|---|
| 4. | Sforzi ta' dekarbonizzazzjoni fis-settur tat-trasport wara l-2030<br>*Skambju ta' fehmiet* | 9380/26 + COR 1 |
| 5. | Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija Industrijali Marittima tal-UE<br>*Approvazzjoni* | 9700/26<br>+ ADD 1 REV 1<br>+ ADD 1 REV 1<br>COR 1 (en) |
| 6. | Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija Portwarja tal-UE<br>*Approvazzjoni* | 9714/26 |

**Affarijiet oħra**

7. a) **Simplifikazzjoni u aċċellerazzjoni tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u ta' awtorizzazzjoni tas-sistemi ferrovjarji fil-livell tal-UE biex titħaffef it-tnedija tal-ERTMS** ⧉ 9763/1/26 REV 1
*Informazzjoni mill-Greċja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Greċja, appoġġata mill-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Portugall u r-Rumanija.

b) **It-tnedija tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS): L-Istabbiltà, is-Sempliċità u l-Interoperabbiltà l-Ewwel** ⧉ 9556/26
*Informazzjoni mill-Belġju*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, appoġġat mill-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Iżvezja.

Is-Slovakkja esprimiet bil-fomm appoġġ għall-inizjattiva u talbet li dan jiġi rreġistrat fil-minuti tal-Kunsill.

c) **Kompetittività tat-Trasport Ewropew tal-Merkanzija bil-Ferrovija** ⧉ 9903/1/26 REV 1
*Informazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Greċja, il-Kroazja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

d) **Approċċ strateġiku għall-industrija ferrovjarja Ewropea** 🄿 10057/1/26 REV 1
*Informazzjoni mill-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, il-Kroazja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija.

e) **Il-kompetittività tal-industrija ferrovjarja tal-UE** 9748/1/26 REV 1
*Informazzjoni mill-Kroazja, il-Portugall u Spanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja, il-Portugall u Spanja.

Ir-Rumanija esprimiet bil-fomm appoġġ għall-inizjattiva u talbet li dan jiġi rreġistrat fil-minuti tal-Kunsill.

f) **Preżentazzjoni tas-sitt rapport ta' progress tal-pjattaforma dwar it-Trasport Internazzjonali tal-Passiġġieri bil-Ferrovija (IRP)** 9753/26
*Informazzjoni mill-Awstrija u n-Netherlands*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija u min-Netherlands.

g) **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**Pakkett dwar il-Passiġġieri** 9306/26
*Informazzjoni mill-Kummissjoni* 9313/26 + ADD 1-2
9348/26

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

h) **Inizjattiva tal-UE dwar l-Ittestjar Transfruntier fuq Skala Kbira għal vetturi awtonomi** 9848/26
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

i) **Inizjattiva dwar Kurituri tat-Trasport Nodfa** ☐2 9862/26
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

j) Il-kriżi fil-Lvant Nofsani: Miżuri ta' koordinazzjoni u rispons fis-settur tat-trasport - Segwitu għal-Laqgħa tal-Ministri għat-Trasport permezz ta' vidjokonferenza fil-21 ta' April 2026
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

k) **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

i) **Regolament dwar il-Mobbiltà Militari** ❶C 15793/25
15794/25 + ADD 1

ii) **Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru** C 7615/13

iii) **Regolament dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-Unjoni** ❶C 16284/23 +ADD 1

iv) **Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq id-dimensjonijiet massimi awtorizzati u l-piżijiet massimi awtorizzati** ❶C 11722/23 + ADD 1

v) **Direttiva li temenda d-Direttiva 1999/62/KE (Eurovignette)** ❶C 13259/25 + ADD 1
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

l) **Studju li għadu għaddej dwar it-twaqqif tal-bidliet staġonali fil-ħin** ☐2 10045/26
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

m) **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**Sejħa biex jitkomplew id-diskussjonijiet dwar il-proposta għal reviżjoni tad-direttiva dwar it-trasport ikkombinat** ❶C 9877/26
*Informazzjoni minn Malta*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Malta.

n) **Passiġġieri indixxiplinati: kondiviżjoni ta' listi ta' persuni li ma jistgħux itiru bejn il-linji tal-ajru** 10063/1/26 REV 1
*Informazzjoni min-Netherlands*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands, appoġġata mill-Estonja, l-Ungerija u l-Polonja.

o) **Theddid tad-droni għall-infrastruttura u l-operazzjonijiet tat-trasport ċivili** 10191/26
*Informazzjoni mill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija.

p) **Pubblikazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-Avjazzjoni dwar l-ETS** 10169/26
*Informazzjoni miċ-Ċekja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, il-Lussemburgu u l-Polonja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza, iċ-Ċekja, il-Finlandja, il-Greċja, il-Lussemburgu u l-Polonja.

q) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
*Informazzjoni mill-Irlanda*

**LAQGĦA TAT-TLIETA, 9 TA' ĠUNJU 2026**

TELEKOMUNIKAZZJONI

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

8. **Regolament dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju** 9684/26 + ADD 1
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju kif jinsab fid-dokument 10346/26 + ADD 1.

Il-Ġermanja u Spanja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

L-Awstrija, l-Estonja, Malta, il-Polonja u s-Slovenja ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta, kif tinsab fl-Anness.

9. **Regolament dwar in-networks diġitali (Att dwar in-Networks Diġitali)** 9685/26
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.

10. **Pakkett dwar iċ-Ċibersigurtà** 9399/26

a) **Regolament dwar l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2 (CSA2)**

b) **Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2555 fir-rigward tal-miżuri ta' simplifikazzjoni u l-allinjament mal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2**

*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

11. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-UIT għal trasformazzjoni diġitali inklużiva, sigura u sostenibbli[1] 9254/26
*Skambju ta' fehmiet*

12. Is-sovranità teknoloġika tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Ewropa 9253/26
*Skambju ta' fehmiet*

[1] Fil-preżenza tas-Segretarju Ġenerali tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT).

Affarijiet oħra

**13.** **a)** **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** ❶C

**i)** **Omnibus Diġitali** — 9247/26, 15708/25, 15698/25

**ii)** **Fond Ewropew għall-Kompetittività (Kapitolu VI dwar l-Appoġġ għat-Tmexxija Diġitali)** — 11770/1/25 REV 1

*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

**b)** **Strateġija Diġitali Internazzjonali għall-Unjoni Ewropea: Is-Sitwazzjoni Sena Wara** [2] — 9880/26

*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

**c)** **Eżiti tal-Laqgħa Ministerjali D9+ (Lussemburgu, 8 ta' Ġunju 2026)** [2] — 9881/26

*Informazzjoni mil-Lussemburgu*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Lussemburgu.

**d)** **Il-Protezzjoni tal-Minorenni Online: Punti Ewlenin mil-Laqgħa informali tal-Ministri għat-Telekomunikazzjoni (Nikosija, 29-30 ta' April 2026)** [2] — 9910/26 + COR 1

*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

*Informazzjoni mill-Irlanda*

---

❶ L-ewwel qari

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

[2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "B" li jinsabu fid-dokument 9799/26**

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "B" nru 8:** | **Regolament dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju**<br>*Approċċ ġenerali* |

**DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA**

"Il-Ġermanja tilqa' u tappoġġa espressament l-objettiv tar-Regolament propost li jkompli javvanza s-suq uniku diġitali u jsaħħaħ b'mod sostenibbli l-kompetittività tal-Ewropa. It-test ta' kompromess ippreżentat mill-Presidenza tal-Kunsill - li l-Ġermanja tapprova - għandu jiġi rfinat matul il-proċess leġiżlattiv ulterjuri biex jiġi żgurat li jintlaħaq il-livell mixtieq ta' ambizzjoni għal Kartiera Ewropea tan-Negozju (EBW) li tista' tintuża b'mod wiesa' u li jiġi rispettat il-prinċipju taċ-ċertezza legali. Għall-Ġermanja, il-punti li ġejjin huma ta' importanza ċentrali u jridu jiġu indirizzati fit-trilogu:

1. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-fornituri tal-kartieri jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-applikazzjonijiet pubbliċi bi standards tas-sigurtà ogħla. Għal dan l-għan, aħna nqisu li huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi uniformi u vinkolanti, li jistgħu jiġu rregolati fl-atti ta' implimentazzjoni għall-Artikoli 7 u 11. Mhuwiex realistiku li jkun mistenni li l-fornituri tal-kartieri jqisu r-rekwiżiti speċifiċi kollha għas-settur bħala parti mill-valutazzjonijiet tar-riskju li huma meħtieġa jwettqu. Minflok, dan il-kompitu għandu jitwettaq mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri. Rekwiżiti minimi ċari tas-sigurtà jistabbilixxu linja bażi konsistenti għall-UE kollha, joffru lill-fornituri tal-applikazzjonijiet parametri referenzjarji affidabbli għall-verifika tal-livell tas-sigurtà tal-kartieri u jipprovdu lill-korpi superviżorji kriterji ċari għall-evalwazzjoni tal-awtodikjarazzjonijiet tal-fornituri tal-kartieri.
2. Hemm kunsens rigward il-fehim - kif ikkonfermat mill-Presidenza Ċiprijotta u l-Kummissjoni Ewropea - li l-prinċipju ta' ekwivalenza jġib ugwaljanza teknika tal-funzjonalitajiet ewlenin skont l-Artikolu 5(1) bl-ekwivalenti manwali jew fiżiċi tagħhom.

Għalhekk, is-servizz fiduċjarju kwalifikat skont l-Artikolu 3, il-punt 17 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 għandu jinftiehem bħala l-"azzjoni li tirriżulta" li ġejja mill-użu tal-funzjonalitajiet ewlenin – bħall-firma elettronika kwalifika li tieħu post il-firma bl-idejn - li jkollha l-istess effetti legali daqslikieku l-azzjoni- "*twettqet legalment wiċċ imb wiċċ, fuq karta, jew permezz ta' kwalunkwe mezz jew proċess ieħor li kieku jitqies li huwa konformi mar-rekwiżiti legali, amministrattivi jew proċedurali applikabbli*".

Ir-rekwiżiti proċedurali nazzjonali obbligatorji, ir-rekwiżiti indispensabbli ta' attendenza, il-mekkaniżmi ta' kontroll preventiv, u l-obbligi li jiġu pprovduti pariri, struzzjoni u verifika (pereżempju fir-rigward tal-kapaċità legali, il-kapaċità li jitwettaq negozju, u l-fehim) jibqgħu mhux affettwati fil-funzjoni protettiva tagħhom, f'konformità mal-Premessa 6.

F'dan il-kuntest, madankollu, il-Ġermanja tara l-ħtieġa li tiġi ristretta l-formulazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 4. Il-prinċipju taċ-ċertezza legali jirrikjedi li r-regoli jridu jkunu preċiżi, ċari u trasparenti sabiex l-individwi jkunu jistgħu jifhmu x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Biex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u t-tilwim kontinwu dwar l-interpretazzjoni quddiem il-qrati Ewropej u nazzjonali, il-koleġiżlaturi mitluba jimplimentaw il-fehim imsemmi hawn fuq fit-test operattiv, pereżempju billi jillimitaw il-formulazzjoni għas-sostituzzjoni tal-azzjoni "ekwivalenti" rispettiva."

**DIKJARAZZJONI MINN SPANJA**

"Spanja tirriafferma l-impenn qawwi tagħha għat-trasformazzjoni diġitali tas-suq uniku Ewropew u għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għan-negozji. Minkejja r-riżervi stabbiliti hawn taħt, u fi spirtu kostruttiv, Spanja tappoġġa l-approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar il-Kartiera Ewropea tan-Negozju (EBW), konvinta li pass komuni 'l quddiem huwa essenzjali għall-għanijiet ta' kompetittività u simplifikazzjoni li jinsabu fir-rapporti ta' Letta u Draghi.

Spanja tilqa' l-progress sinifikanti miksub matul in-negozjati u tirrikonoxxi l-isforzi tal-Presidenza biex takkomoda t-tħassib tal-Istati Membri. B'mod partikolari, Spanja tieħu nota tas-salvagwardji introdotti fil-premessi u fl-Artikolu 4 rigward ir-relazzjoni bejn l-EBW u l-infrastrutturi diġitali nazzjonali eżistenti, u tqishom bħala pass sinifikanti fid-direzzjoni t-tajba.

Madankollu, Spanja għad għandha punt ta' tħassib sostantiv rigward l-Artikolu 16(1). Kif abbozzat bħalissa, ir-Regolament jista' jiġi interpretat bħala li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jissottomettu dokumenti jew data lill-amministrazzjonijiet pubbliċi permezz tal-EBW anke meta interfaċċi diġitali ddedikati — bħal portals speċjalizzati, formoli web strutturati, jew servizzi web speċifiċi għas-settur — ikunu diġà stabbiliti u legalment meħtieġa skont id-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni. Dawn l-interfaċċi spiss jinkorporaw regoli ta' validazzjoni tad-data, loġika tan-negozju, u integrazzjonijiet kumplessi tas-sistema li ma jistgħux sempliċiment jiġu evitati. Spanja u Stati Membri oħra investew b'mod sinifikanti f'infrastrutturi bħal dawn f'oqsma bħall-amministrazzjoni tat-taxxa, is-sigurtà soċjali, u r-reġistrazzjoni tal-kumpaniji. It-tqegħid ta' dawn is-sistemi f'inċertezza legali mhux biss jirriskja li jfixkel is-servizzi pubbliċi li jiffunzjonaw tajjeb, iżda fl-aħħar mill-aħħar jagħmel ħsara lill-istess negozji li qed jipprova jgħin ir-Regolament: il-kumpaniji li llum jiddependu fuq kanali diġitali prevedibbli u integrati jiffaċċaw ir-riskju ta' implimentazzjoni inkonsistenti mal-Istati Membri kollha, u l-piż operazzjonali tan-navigazzjoni ta' kanali ta' komunikazzjoni paralleli fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Spanja tqis li huwa essenzjali li ma jitqajjimx dubju dwar it-tkomplija tal-użu ta' dawn l-interfaċċi.

Spanja jiddispjaċiha wkoll li l-Artikolu 2(2) ma jkoprix b'mod espliċitu s-sistemi u l-proċeduri eżistenti b'mandat legali li jirregolaw l-iskambju ta' dokumenti u data bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi (B2G). Il-klawżola attwali mingħajr preġudizzju hija limitata għal skambji bejn l-awtoritajiet kompetenti (G2G), u tħalli lok għal inċertezza legali li tista' taffettwa l-kanali diġitali nazzjonali stabbiliti sew. Spanja tinnota li diversi delegazzjonijiet oħra jaqsmu dan it-tħassib u tqis li emenda mmirata għal din id-dispożizzjoni kienet issaħħaħ it-test b'mod sinifikanti.
Barra minn hekk, Spanja tqis li huwa importanti li l-esklużjoni tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tingħata forza normattiva sħiħa permezz ta' dispożizzjoni fil-parti operattiva tat-test, aktar milli tistrieħ biss fuq il-lingwaġġ tal-premessa, li ma għandu l-ebda effett legali vinkolanti.

Spanja għandha fiduċja li l-atti ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 4 ser jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u ser joffru opportunità sinifikattiv biex jiġi indirizzat it-tħassib tekniku u operazzjonali li jifdal. Spanja tinsab lesta li tinvolvi ruħha b'mod attiv u kostruttiv f'dak il-proċess, bil-ħsieb li tiżgura li l-EBW ġenwinament tikkomplementa — aktar milli tfixkel — l-infrastruttura diġitali eżistenti li n-negozji u l-amministrazzjonijiet madwar l-Ewropa jiddependu fuqha."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-AWSTRIJA, L-ESTONJA, MALTA, IL-POLONJA U S-SLOVENJA**

"Aħna nappoġġaw bis-sħiħ l-objettivi tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju (minn hawn 'il quddiem *EBW*), b'mod partikolari d-diġitalizzazzjoni tas-Suq Uniku u t-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Fl-istess ħin, **nixtiequ nenfasizzaw diversi preokkupazzjonijiet importanti li għandhom jiġu riflessi kif xieraq fil-qafas tal-EBW**:

- Ir-Regolament għandu jiżgura b'mod ċar li l-EBW ma tidduplikax is-soluzzjonijiet diġitali eżistenti nazzjonali u tal-Unjoni u ma tissostitwixxihomx jew timminahom. Sistemi stabbiliti sew għall-iskambju ta' data u dokumenti, inklużi dawk użati bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi, għandhom jibqgħu kompletament utilizzabbli.
- L-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tal-EBW għandha tkun iggwidata minn dimostrazzjoni ċara tal-valur miżjud u għandha tapplika biss fejn xieraq, filwaqt li jitqiesu d-diversità, il-kumplessità u r-rekwiżiti speċifiċi tal-proċeduri amministrattivi madwar l-Istati Membri.
- Ir-rekwiżiti legali, l-infrastrutturi u s-sistemi tekniċi attwali, inklużi soluzzjonijiet diġitali speċifiċi għas-settur diġà fis-seħħ, għandhom ikomplu jiġu rispettati u jibqgħu kompletament operazzjonali.
- L-EBW ma għandhiex toħloq piżijiet amministrattivi jew finanzjarji sproporzjonati, b'mod partikolari għall-SMEs u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-użu tagħha għandu jirriżulta f'benefiċċji ċari u m'għandux iwassal, fil-prattika, għal dipendenza fuq servizzi intermedjarji fejn diġà jeżistu servizzi diġitali pubbliċi effiċjenti.
- Fl-aħħar nett, l-interoperabbiltà, standards tekniċi ċari u kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri fit-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni ser ikunu essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel u prattika tal-EBW.

Soluzzjoni bbilanċjata u fattibbli għandha twassal għal benefiċċji tanġibbli għan-negozji filwaqt li tirrispetta l-ekosistemi diġitali nazzjonali u Ewropej attwali."

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "a" li jinsabu fid-dokument 9906/26**

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 1:** | **Rieżami tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-investiment barrani**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUMMISSJONI dwar il-ħtieġa għal aktar azzjoni dwar l-investimenti barranin u s-sigurtà ekonomika**

"Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jaqblu li l-Unjoni jeħtiġilha tibqa' post attraenti għan-negozju, filwaqt li jiġi żgurat li l-investimenti barranin, speċjalment fis-setturi strateġiċi, jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Iż-żewġ istituzzjonijiet jirrikonoxxu, madankollu, li ċerti investimenti jirriskjaw li joħolqu dipendenzi strateġiċi u li jimminaw ir-reżiljenza tas-suq intern. Dawn l-iżviluppi jirriskjaw li jdgħajfu s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni u jistgħu jimminaw il-vantaġġ teknoloġiku u r-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni u l-kapaċità tagħha li toħloq l-impjiegi. F'dan l-isfond, iż-żewġ istituzzjonijiet iqisu li hija prijorità li jivvalutaw u jieħdu l-azzjoni ulterjuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw tali riskji u jissalvagwardjaw is-sigurtà ekonomika tal-Unjoni sabiex jiżguraw li l-investimenti barranin fl-Unjoni ma jżidux id-dipendenzi strateġiċi jew il-lakuni teknoloġiċi. Il-Kummissjoni biħsiebha tieħu inizjattiva biex tistabbilixxi kundizzjonijiet immirati għall-investimenti barranin deħlin f'setturi strateġiċi identifikati bir-reqqa, f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, bil-ħsieb li tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni u jiġu indirizzati r-riskji msemmija hawn fuq. Il-Parlament Ewropew jirrikonoxxi dan l-impenn u jinsab lest li jeżerċita bis-sħiħ ir-rwol tiegħu bħala koleġiżlatur u li jikkunsidra kwalunkwe proposta bħal din fl-iqsar żmien possibbli."

**Dwar il-punt "A" nru 2:** **Regolament li jindirizza l-effetti tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI dwar l-importazzjoni ta' prodotti tal-azzar mir-Russja**

"Mill-bidu tal-gwerra, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ħadu miżuri bla preċedent biex inaqqsu d-dipendenzi ekonomiċi fuq ir-Russja u biex jaħdmu biex jiżguraw li l-attività ekonomika tal-Unjoni ma tikkontribwix għas-sostenn tal-isforz tal-gwerra tar-Russja.

Dawn il-miżuri naqqsu b'mod sinifikanti l-flussi kummerċjali f'firxa wiesgħa ta' setturi, inkluż l-azzar, aċċelleraw id-diżakkoppjament u kkontribwew għar-reżiljenza tal-Unjoni, filwaqt li wrew ukoll il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi b'mod magħqud u deċiżiv meta l-valuri u l-interessi strateġiċi tagħha jkunu f'riskju.

Fl-istess ħin, l-Unjoni jeħtiġilha tibqa' attenta għal dawk l-oqsma fejn id-dipendenzi jippersistu, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar li l-importazzjoni tagħhom għadha mhijiex ipprojbita għalkollox.

B'mod partikolari, xi importazzjonijiet limitati li joriġinaw mir-Russja jkomplu fis-settur tal-azzar sat-30 ta' Settembru 2028, f'konformità mal-arranġamenti tranżizzjonali stabbiliti fil-miżuri restrittivi rilevanti adottati mill-Kunsill[1]. Sabiex tiġi żgurata diversifikazzjoni progressiva u kostanti, dawn l-importazzjonijiet huma limitati bi kwoti b'volumi li jonqsu kull sena.

Filwaqt li jfakkru fil-qafas istituzzjonali applikabbli għall-miżuri restrittivi, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw li l-miżuri restrittivi rilevanti adottati mill-Kunsill jirfdu trajettorja lejn eliminazzjoni gradwali sħiħa tal-importazzjonijiet li fadal tal-prodotti tal-azzar Russi, b'mod partikolari ċ-ċangaturi tal-azzar, sat-30 ta' Settembru 2028."

[1] **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.**

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ESTONJA, IL-LATVJA U L-LITWANJA**

"L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jixtiequ jesprimu t-tħassib tagħhom li l-interessi tal-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni li qed jiffaċċaw sitwazzjoni ta' sigurtà eċċezzjonali u immedjata, bħall-Ukrajna, mhumiex ikkunsidrati biżżejjed fir-regolament. L-Ukrajna kellha tiġi eżentata mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament, f'konformità mas-salvagwardja attwali tal-azzar kif stipulat fir-Regolament Nru 2025/1153 li jissospendi ċerti dispożizzjonijiet fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Ukrajna. Huwa importanti li titqies kif xieraq is-sitwazzjoni fl-Ukrajna meta jiġu allokati l-kwoti speċifiċi għall-pajjiż, kemm issa kif ukoll fil-proċess ta' reviżjoni futur tar-Regolament.

L-industrija tal-ħadid u tal-azzar għadha sors sinifikanti ta' dħul għall-Ukrajna — iż-żamma tal-aċċess għas-swieq tal-UE tgħin biex issostni l-bażi industrijali tal-Ukrajna fi gwerra fuq skala sħiħa. L-ekonomija tal-Ukrajna sofriet ħafna minħabba l-gwerra: ħafna faċilitajiet tal-produzzjoni tal-azzar inqerdu, saritilhom ħsara jew ġew okkupati, iżda s-settur għadu kritiku għaż-żamma tal-attività ekonomika, il-preservazzjoni tal-impjiegi, u l-iżgurar li l-Ukrajna jibqa' jkollha l-kapaċità li tibni mill-ġdid u tintegra bis-sħiħ fl-ekonomija Ewropea fil-futur. Billi tappoġġa lill-Ukrajna issa, l-UE tgħin biex tissalvagwardja l-abbiltà tal-Ukrajna mhux biss li tipprovdi oġġetti, iżda wkoll li tibni mill-ġdid l-infrastruttura tagħha, issostni l-impjiegi, u tevita kollass ekonomiku mifrux jew spostament fuq skala kbira.

Meta ġiet introdotta l-ewwel eżenzjoni fl-2022, l-għan kien li tiġi pprovduta "linja ta' salvataġġ" lil ekonomija li ċkienet b'mod sever: f'kundizzjonijiet ta' gwerra, l-ekonomija tal-Ukrajna ffaċċat tnaqqis drammatiku, u r-rotot tradizzjonali tal-esportazzjoni ġew imfixkla. F'Ġunju 2025, l-UE estendiet is-sospensjoni tal-miżuri ta' salvagwardja fuq l-azzar u l-ħadid Ukreni għal tliet snin oħra — filwaqt li affermat mill-ġdid il-ħtieġa għal appoġġ kontinwu.

L-integrazzjoni aktar mill-qrib tal-Ukrajna fis-suq intern tal-UE — anke permezz ta' arranġamenti preferenzjali — isservi l-interessi strateġiċi fit-tul tal-Unjoni. Din issaħħaħ ir-rabtiet ekonomiċi, tankra lill-Ukrajna b'mod aktar sod fin-networks kummerċjali u fil-ktajjen tal-provvista Ewropej, u tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq swieq mhux tal-UE. Dan jikkontribwixxi direttament għall-isforzi Ewropej ta' stabbiltà, rikostruzzjoni, u l-integrazzjoni politika, ekonomika u ta' sigurtà fit-tul tal-Ukrajna fl-UE.

L-għoti ta' konċessjonijiet lill-Ukrajna — speċjalment is-sospensjoni tat-tariffi u l-miżuri ta' salvagwardja fuq importazzjonijiet ewlenin bħall-azzar — mhuwiex biss ġest ta' rieda tajba, iżda deċiżjoni ekonomika strateġikament soda għall-UE fil-kuntest ġeopolitiku attwali. Jgħin biex l-ekonomija tal-Ukrajna tinżamm vijabbli f'kundizzjonijiet ta' żmien il-gwerra; tiġi sostnuta l-kapaċità industrijali ewlenija; titrawwem integrazzjoni ekonomika aktar profonda; tiġi ffaċilitata r-rikostruzzjoni u jintbagħat messaġġ politiku qawwi u inekwivoku ta' appoġġ u solidarjetà Ewropej."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-IŻVEZJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IL-FINLANDJA, L-ESTONJA U D-DANIMARKA**

"L-industrija tal-azzar hija importanti għall-Ewropa. Dan jikkostitwixxi parti importanti mill-ktajjen tal-valur ewlenin u mir-reżiljenza tal-Unjoni. Għalhekk huwa essenzjali li jinħolqu l-kundizzjonijiet biex l-industrija Ewropea tal-azzar tibqa' kompetittiva, mhux l-inqas fid-dawl tal-isfidi ppreżentati mill-kapaċità żejda globali.

Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi żgurat li r-regolament ma jaffettwax b'mod mhux xieraq il-kompetittività tal-industriji tal-utenti downstream b'mod negattiv. Il-proposta evolviet f'direzzjoni aktar ibbilanċjata fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tal-interess kemm tal-industriji tal-produtturi kif ukoll tal-utenti downstream, għalkemm kienu ġew ippreferuti passi ulterjuri f'din id-direzzjoni. Jibqa' kruċjali li l-implimentazzjoni tal-miżura, kif ukoll rieżamijiet futuri, iqisu aktar l-importanza li jintlaħaq dan il-bilanċ b'mod ibbażat fuq l-evidenza.

Sfortunatament, il-miżura ser ikollha wkoll effetti negattivi fuq is-sħab tagħna tal-kummerċ ħieles. L-involviment kostruttiv, bl-għan li jintlaħqu soluzzjonijiet aċċettabbli b'mod reċiproku, huwa għalhekk essenzjali. Huwa importanti li s-sitwazzjoni tal-Ukrajna tkun riflessa kif xieraq fl-allokazzjoni tal-kwoti speċifiċi għall-pajjiż. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar mir-Russja hija milqugħa b'sodisfazzjon, u huwa importanti li jiġi żgurat li l-objettivi tad-dikjarazzjoni jiġu ssodisfati."

| | |
|---|---|
| <u>**Dwar il-punt "A" nru 3:**</u> | **Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet tal-vittmi**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tagħti importanza fundamentali lid-diviżjoni ċara tal-kompetenzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kif stabbilit fit-Trattati. Il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, kif minqux fl-Artikolu 5 tat-TUE, jibqa' l-pedament tal-ordni ġuridiku tal-UE u jrid jiġi rrispettat bis-sħiħ kemm fl-atti leġiżlattivi kif ukoll f'dawk mhux leġiżlattivi. L-Ungerija tissottolinja li xejn f'din id-Direttiva ma jista' jiġi interpretat bħala li jistabbilixxi preċedent li jaffettwa l-allokazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lil hinn minn dak li ġie mogħti lill-Unjoni Ewropea mit-Trattati, u lanqas ma jista' jippreġudika l-valutazzjoni ta' jekk l-Unjoni għandhiex kompetenza taġixxi f'qasam partikolari. L-allokazzjoni tal-kompetenzi għandha dejjem tiġi determinata strettament abbażi tat-Trattati. Kwalunkwe interpretazzjoni ta' din id-Direttiva li tissuġġerixxi estensjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni lil hinn minn dak li ġie mogħti mill-Istati Membri fit-Trattati ma tkunx aċċettabbli.

Infakkru li l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea bħala valur u dritt fundamentali. Barra minn hekk, l-Artikoli 10 u 19 TUE, flimkien mal-Artikolu 21 tal-Karta, jidentifikaw, fost oħrajn, is-"sess" bħala raġuni speċifika għal diskriminazzjoni, li għandha tkun ipprojbita. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" f'din id-Direttiva."

**DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA**

"Is-suġġett tal-"istatus u l-kapaċità tal-persuni" jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri u, b'riżultat ta' dan, l-Unjoni Ewropea m'għandhiex kompetenza leġiżlattiva fuqha (l-Artikolu 5 TUE). Minn dan isegwi li l-kunċett ta' "ġeneru" ta' persuni jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Italja: l-UE la tista' tiddefinixxih u lanqas tirregolah. Il-kunċett ta' "identità tal-ġeneru" għalhekk ser jiġi interpretat f'konformità mal-ġurisprudenza nazzjonali li tiddistingwi bejn il-ġeneru abbażi tas-sess bijoloġiku (maskil jew femminil) u b'hekk id-dritt relatat għall-identità.

Għall-istess raġunijiet, it-terminu "diskriminazzjoni intersezzjonali" ser jiġi interpretat, f'konformità mal-ġurisprudenza nazzjonali, f'termini ta' "diskriminazzjoni multipla".

L-Italja tirrikonoxxi fil-leġiżlazzjoni tagħha l-possibbiltà li n-nisa jkollhom aċċess għall-abort. Il-kwistjoni li hija s-suġġett tad-dikjarazzjoni tal-lum għalhekk ma hijiex waħda ta' "sustanza" iżda ta' "metodu". Din il-kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Għalhekk, peress li l-Unjoni ma għandha l-ebda kompetenza f'dan il-qasam u ma hemm l-ebda bażi legali għaliha, l-Italja jiddispjaċiha li tali referenza ġiet inkluża f'att leġiżlattiv tal-Unjoni."

**DIKJARAZZJONI MINN MALTA**

"Malta tilqa' l-isforzi kollha li jkomplu jsaħħu d-drittijiet tal-vittmi. F'dan ir-rigward, Malta tilqa' b'mod ġenerali l-pakkett ta' kompromess. Madankollu, Malta ssostni l-oġġezzjoni tagħha għar-referenza għall-abort fil-premessi.

Ir-referenza għall-abort timmina l-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tal-kura tas-saħħa u s-sistema tal-kura tas-saħħa nazzjonali rispettiva tagħhom, u tali ndħil ma huwa xejn ħlief ksur tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Barra minn hekk, il-koleġiżlaturi ma qablux ma' dispożizzjonijiet operattivi li jagħtu dettalji dwar trattamenti speċifiċi għall-vittmi tal-vjolenza sesswali, inkluż iżda mhux limitat għall-abort.

L-għan tal-premessi huwa li jiġu stabbiliti raġunijiet konċiżi għad-dispożizzjonijiet ewlenin tat-termini ta' promulgazzjoni[2]. Ir-referenza fil-premessa hija għalhekk maħsuba biex tikkomplementa u tinforma l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni rilevanti dwar l-aċċess għad-drittijiet sesswali u riproduttivi.

Il-premessi huma l-post fejn l-istituzzjonijiet iridu juru li aġixxew fil-limiti tal-kompetenzi tagħhom, li l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u li l-azzjoni tal-Unjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati. Il-premessi huma għalhekk kruċjali għall-validità ta' att. Dan ġie kkonfermat b'mod konsistenti mill-QĠUE. Il-premessa inkwistjoni għalhekk ma tissodisfax it-test tal-Artikolu 296 TFUE.

Dan jista' jwassal għall-ħolqien ta' preċedent fis-suġġeriment li l-Istati Membri jkunu soġġetti għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali rilevanti li jagħmlu d-dritt għall-abort legalment aċċessibbli fihom.

Għalhekk, Malta ser tastjeni minkejja li hija kompletament prekluża mill-obbligu li tittrasponi u timplimenta l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-abort bis-saħħa tal-Protokoll Nru 7 tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika ta' Malta[3]."

---

2 Linja Gwida 10 tal-Gwida Prattika Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għall-persuni involuti fl-abbozzar tal-Leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

3 https://eur-lex.europa.eu/eli/treaty/acc_2003/act_1/pro_7/sign/eng

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tieħu nota tat-test ta' kompromess finali tad-Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità.

Ir-Repubblika Slovakka tibqa' impenjata bis-sħiħ li ssaħħaħ id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità u li tiġġieled kull forma ta' vjolenza u diskriminazzjoni. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Slovakka tixtieq tfakkar fil-pożizzjoni tagħha dwar l-inklużjoni tat-terminu "identità tal-ġeneru" fl-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva.

L-Artikolu 12 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka jipprojbixxi d-diskriminazzjoni u jiggarantixxi drittijiet ugwali għall-persuni kollha. Filwaqt li hija impenjata bis-sħiħ għall-protezzjoni tal-vittmi kollha mingħajr diskriminazzjoni, ir-Repubblika Slovakka ma tqisx li huwa meħtieġ li jiġi individwat jew enfasizzat separatament il-kunċett ta' "identità tal-ġeneru", peress li l-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva tapplika bl-istess mod għall-vittmi kollha.

Ir-Repubblika Slovakka tfakkar ukoll li, skont l-Artikolu 52a tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka (l-Att Kostituzzjonali Nru 255/2025 Coll.), il-qafas kostituzzjonali Slovakk jirrikonoxxi s-sess bijoloġikament determinat ta' raġel u mara. Wara l-emendi kostituzzjonali adottati fl-2025, l-ordni ġuridiku Slovakk jirrikonoxxi r-realtà bijoloġika oġġettiva bħala l-uniku fattur determinanti għall-kategorizzazzjoni ġuridika fil-livell tal-istat. Ir-Repubblika Slovakka tfakkar li d-Direttiva ma tistabbilixxix definizzjoni awtonoma ta' dan il-kunċett skont id-dritt tal-UE u li l-implimentazzjoni tiegħu tibqa' fi ħdan il-kompetenzi tal-Istati Membri. L-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-terminu "identità tal-ġeneru" għalhekk ser jitwettqu f'konformità mal-ordni kostituzzjonali u l-leġiżlazzjoni nazzjonali tar-Repubblika Slovakka.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-Premessa 13 u r-referenza għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, ir-Repubblika Slovakka tfakkar li l-Unjoni Ewropea ma għandhiex kompetenza ġenerali fil-qasam tal-politika tal-kura tas-saħħa. F'konformità mal-Artikolu 168(7) TFUE, id-definizzjoni tal-politika tas-saħħa u l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika jibqgħu r-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Ir-Repubblika Slovakka għalhekk tifhem li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri u ma joħolqux obbligi ġodda lil hinn minn dawk previsti fit-Trattati u l-oqfsa kostituzzjonali nazzjonali. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-Repubblika Slovakka ser tastjeni mill-vot filwaqt li tibqa' impenjata għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi."

**DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL**

"Il-Portugall jilqa' l-isforzi kollha li għandhom l-għan li jkomplu jsaħħu d-drittijiet tal-vittmi. F'dan ir-rigward, il-Portugall jappoġġa b'mod ġenerali l-pakkett ta' kompromess.

Madankollu, il-Portugall isostni l-oġġezzjoni tiegħu għar-referenza għall-abort fil-premessi. Tali referenza taqa' fuq il-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri u tikkostitwixxi ndħil eċċessiv, li jmur kontra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Barra minn hekk, il-koleġiżlaturi ma qablux ma' dispożizzjonijiet operattivi li jagħtu dettalji dwar trattamenti speċifiċi għall-vittmi tal-vjolenza sesswali, inkluż iżda mhux limitat għall-abort. Il-Linja Gwida 10 tal-Gwida Prattika Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għal persuni involuti fl-abbozzar tal-Leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea tipprevedi li *l-għan tal-premessi huwa li jsemmu b'mod konċiż ir-raġunijiet wara d-dispożizzjonijiet ewlenin tat-termini ta' promulgazzjoni, mingħajr ma jkunu riprodotti jew miktuba mill-ġdid*. Il-premessi ma għandhomx jinkludu wkoll *dispożizzjonijiet mhux ta' natura normattiva, bħalma huma xewqat jew dikjarazzjonijiet politiċi*.

Il-premessi huma t-taqsima ta' att legali li fiha l-istituzzjonijiet iridu jissostanzjaw li aġixxew fl-ambitu tal-kompetenzi tagħhom, li l-objettivi segwiti ma jistgħux jintlaħqu b'mod adegwat mill-Istati Membri waħedhom, u li l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tibqa' limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-objettivi tat-Trattati. F'dan il-kuntest, l-inklużjoni ta' tali referenza fil-premessa 13 tistabbilixxi preċedent mhux mixtieq u mhux ġustifikabbli."